**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**Silvester Zahra**

Kump Nru: 1410/2011

Illum 24 ta' Settembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Silvester Zahra detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 207288 (M)

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, fil-Mosta fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija u s-saghtejn ta' filghodu ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brigida Abela skont ma giet iccertifikata minn Dr Elaine Borg MD Reg no 5274 tal-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt xi hsarat f'xi mobbli liema hsarat jammontaw ghal aktar minn 233 Euros u anqas minn 2330 Euros ghad-dannu ta' Brigida Abela u Paul Abela.

U aktar talli kkommettejt reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqek mill-Qorti tal-Malgistrati (Malta) liema sentenza giet moghtija nhar il-15 ta' Novembru 2007 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. Fl-artikoli 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(iii)(d)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab addebitat bir-reati li kkaguna ferita gravi fuq Brigida Abela; bi hsara volontarja; li wettaq tali reati waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li huwa recediv.

Illi mill-provi prodotti u mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-imputat kellu relazzjoni ma' bint Brigida Abela ossija Miraine Abela li maghha huwa kellu tlett ulied. Huwa altru milli evidenti li l-genituri taghha, ghar-ragunijiet taghhom, ma kienux wisq ghaf-favur ta' tali relazzjoni, anki ghaliex kienu anki ntalbu li jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat odjern tant li kien instab hati li ppartecipa f'attivita' sesswali ma' minuri u nqalghu diversi argumenti bejnu l-familja ta' Abela. L-imputat illum il-gurnata qieghed f'relazzjoni ma' haddiehor u ghandu wild ukoll.

Fiz-zmien tal-incident, il-minuri wlied l-imputat kienu qeghdin ighixu fid-dar tal-familja Abela. Proprju dakinhar tal-incident, l-imputat kien gie mistieden ghand il-familja Abela sabiex jiekol maghhom u fl-istess hin jara lil uliedu. Dakinhar kien hemm prezenti Brigida Abela, binha minuri Karl Abela, bintha Miraine u t-tfal taghha. Inqala' argument fuq xi oggetti ta' camping li hija kienet sellfet lill-imputat u siehbu u l-imputat qalilha li siehbu kien qieghed icempillu u hi cemplet lill-individwu hija u bazikament skopriet li kienet il-partner tal-habib tal-imputat, certu Sabrina, li kienet qed iccempel lill-imputat u mhux kif qal huwa. Billi hija indunat li l-imputat ma kienx qal il-verita' hija hasbet hazin. Inqala' argument fejn l-imputat spicca qaleb il-mejda tal-granit li tfarrket u skont Brigida Abela kisser hafna affarijiet ohra. F'dan l-incident sofrew griehi kemm Brigida Abela kif ukoll l-istess imputat.

**L-Ewwel Imputazzjoni – Ferita Gravi**

Inkwantu ghad-dinamika tal-incident:

- **Brigida Abela** xehdet[1] li l-imputat qaleb il-mejda tal-granit. Bintha griet barra flimkien mat-tfal u binha Karl kien fuq. Hija marret lejn il-bieb tal-bitha u l-imputat taha daqqa ta' ponn go widnejha. Huwa kisrilha l-granit tal-bank, xambrella, siggijiet u affarijiet ohra. Bdiet tghidlu biex jitlaq 'il barra. Waqt li l-imputat kien qieghed isawwatha tghid li nizel binha u pprova jiddefendiha u qala' xi daqqtejn huwa wkoll. Hija cemplet lil zewgha li kien xoghol u kien huwa li cempel lill-pulizija. Tallega li l-imputat ghamillha

[1] Seduta tal-21 ta' Marzu 2012

hsara fil-karozza li kienet ipparkjata barra. In kontro-ezami qalet li ma tafx kif l-imputat garrab il-griehi. Hija kellha griehi f'widnejha.

- **Karl Abela** xehed[2] li dakinhar tal-incident huwa kien qieghed f'kamartu jilghab bil-playstation u sema' lil ommu tghajjat *"Itlaqli 'l barra, itlaqli 'barra u smajt tisbita kbira, kienet tal-mejda, x'hin inzilt isfel indunjat li kienet tal-mejda, rajtu jaghti lil ommi u dhalt f'nofshom".* Ix-xhud kien qieghed jirreferi ghall-imputat. Hija kienet fejn il-bieb tal-bitha, kienet mal-art u huwa kien qieghed bilwieqfa fuqha. Kien qed jaghtiha b'idejh. Ix-xhud dahal f'nofshom u hareg lil ommu 'l barra u l-imputat gera warajhom u lix-xhud tah daqqa ta' sieq, habbtu mal-art u hareg il-barra. In kontro-ezami huwa qal li ma jafx kif beda l-incident u li huwa ma ra xejn f'idejn had minnhom. Qal li kien hemm imkissra biss il-mejda, platti u tazzi.

- **Miraine Abela** xehdet[3] li l-imputat huwa missier it-tlett itfal taghha. Dakinhar tax-xhieda kienet ghadha f'relazzjoni mieghu. Xehdet li hija w l-imputat kellhom argument verbali billi kienet qed tibghatlu l-gharusa ta' habib taghhom u l-imputat ma kienx qalilha li qed tibghatlu. Ommha bdiet tghid lill-imputat li huwa dejjem jidhak bintha u jaghmel l-affarijiet minn wara darha. Tghid li l-imputat taqbizlu u meta beda jisma' lil ommha tghidlu hekk qabzitlu. Qabdu jiggieldu imma hi ma rat xejn ghax telqet 'il barra. Hija qalet li l-genituri taghha qatt ma rieduh lill-imputat.

- L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda huwa kien irrilaxxja stqarrija fejn ta l-versjoni tieghu. Ighid li kien gie mistieden biex imur jiekol minn omm Miraine. Fil-kcina kienu huwa, Bridget u Miraine. Waqt l-ikel inqala' argument fuq xi mobile u charger u li Habiba ta' Miraine kienet qeghda ccempillu izda huwa biex jevita argumenti ma' Miraine qalilha li kien cempillu l-boyfriend u mhux habibitha. Miraine cenplet lil dan il-guvni li qalilha li ma kienx cempel lill-imputat. Meta gara hekk Bridget bdiet tghajjat u tghidlu li kien qieghed ihawwad mal-habiba ta' Miraine. Meta gara hekk huwa gholla l-mejda tal-kcina u waqghu l-platti mal-art. Meta rat hekk omm Miraine qabdet sikkina minn hdejn il-cooker. Din kienet sikkina tal-hobz u laqtitu biha f'sidru u huwa mbuttaha mal-art. Dak il-hin mar ghalih hu Miraine bil-marfa tal-injam u l-imputat hadilu. Miraine ma kinitx

[2] Seduta tal-21 ta' Marzu 2012
[3] Seduta tal-21 ta' Marzu 2012

hemm waqt il-glieda ghax meta rat hekk qabdet lis-subien u hadithom u halliet lit-tifla imma din kienet il-boghod minnhom. Huwa mar biex jiftah il-bieb ta' barra u f'dak il-hin huwa, Bridget u Karl komplew jilletikaw. Huwa cahad li ghamel xi hsara fil-karozza ta' Bridget Abela u cahad li taha fuq widnejha.

- Mic-certifikat ezebit[4] jirrizulta li Bridget Abela wara li giet ezaminata nstabet li naqsilha s-smiegh u li *'on examination, periorbital margins were intact. Eye movements were smooth with no nystagmus or diplopia. Normal facial sensation. Nose and oral cavity (lips and throat) show no abnormalities. Ears: right ear showed no obvious abnormalities. Left ear canal showed blood. Perforated ear drum present in left ear".* Dawn il-griehi gew klassifikati bhala *grievous per durata.*

  Meta Dr Borg xehdet li meta t-tanbur tal-widna jinqasam johrog id-demm minnha. Bhala process ta' fejqan jista' jiehu bejn wiehed u iehor xhur.

  Mic-certifikat iehor ezebit[5] jirrizulta li Bridget Abela kellha: *bruise right forearm; and abrasions antaspect neck".* Dawn il-griehi gew klassifikati bhala hfief.

  L-espert nominat mill-Qorti, Mr Mario Said li ezamina lis-sinjura Abela fit-23 ta' Jannar 2015[6] rrapporta[7] li huwa seta jara n-noti tal-isptar u fid-data tal-4 ta' Ottubru 2011, is-sinjura Abela kienet giet licenzjata minn aktar vizti billi hija ma kinitx qeghda tilmenta minn l-ebda sintomu partikolari u fl-ezami mediku l-ispecjalista ma rriskontrax danni tal-ebda natura. Huwa kkonkluda li ma sab l-ebda evidenza ta' dizabilita' permanenti. Huwa spjega li ma setax jeskludu li kien hemm dannu fiz-zmien tal-incident billi kien hemm perforazzjoni tat-tambur izda dan fieq minghajr ma halla danni vizibbli.

[4] Dok TS3 a fol 23 tal-process rilaxxat minn Dr Elaine Borg
[5] Dok TS4 a fol 24 tal-process
[6] Billi ma kienx gie notifikat bin-nomina tieghu fil-25 ta' Settembru 2013

[7] Dok MS a fol 181 u xehed fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015

- Gie ezebit ukoll certifikat[8] rilaxxat mit-tabib Dr Carmel Vella li minnu jirrizulta li meta ezamina lill-imputat huwa kien qed isofri minn griehi superficjali fuq naghsu n-naha tal-lemin, nefha zghira quddiem il-widna tal-lemin, grif fuq genbu n-naha tal-lemin u fin-nofs ta' sidru u girfa ohra mill-genb ta' sidru u tmur ghal taht idu x-xellugija. Kien qed ibati wkoll minn ugiegh f'daru fejn allega li laqqat xi daqqiet. Huwa kklasifika l-griehi bhala ta' natura hafifa.

Illi abbazi ta' dawn il-provi jirrizulta mhux kontestat li nqala' argument bejn l-imputat u s-sinjura Abela u kien l-imputat li qaleb il-mejda tal-granit. Jirrizulta li kien hemm kollutazzjoni billi anki l-istess imputat garrab griehi izda l-Qorti hija konvinta li l-imputat ta lis-sinjura Abela daqqa fuq widnejha u kien huwa li kkagunalha din il-ferita. L-imputat kellu l-ghazla li jekk dak li sema' m'ghogbux messu qabad u telaq u mhux agixxa b'dak il-mod.

Illi l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita gravi fuq Brigida Abela fit-termini tal-artikoli 216(1)(a)(ii)(iii)(d)(2) tal-Kapitolu 9.

Mir-rizultanzi ma jirrizultax li s-sinjura Abela sofriet xi debulizza permanenti f'sahhitha jew sofriet xi dizabilita' permanenti. Biss pero' ma rrizultax kemm damet ezatt biex tfieq is-sinjura Abela. Izda l-Qorti tqis li l-ferita mgarrba ghalkemm ma kkwazatx dizabilita' permanenti pero' kien ferm probabbli li kien se jigri hekk minhabba l-perforazzjoni tat-tambur tal-widna.

## It-Tieni Imputazzjoni – Hsara Volontarja

Illi inkwantu ghall-akkuza ta' hsara volontarja, gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kisser il-mejda tal-granit, il-bank tal-granit, xambrella, platti u tazzi u parti mill-bank taht il-cooker. Gew prezentati zewg stejjem[9] - wahda ta' Patrick Woodworks fl-ammont ta' €409 u l-ohra ta' Charlie

[8] Dok TS7 a fol 28 tal-process, ikkonfermat mit-tabib fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014

[9] Dok TS6 a fol 26 tal-process li giet ikkonfermata bil-gurament

Galea ghal-xoghol tal-granit fl-ammont ta' €1603[10]. Dan tal-ahhar xehed li tali stima ma tghoddx ghallum ghaliex ghadda hafna zmien minn fuqha. Irrizulta li x-xoghol ghadu ma sarx.

Il-Qorti tqis li l-imputat ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkawza u ghandu jhallas l-ammont ta' €2,000 lil Brigida u Paul Abela.

**It-Tielet Imputazzjoni**

L-imputat gie wkoll akkuzat li huwa wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Ghal dan il-ghan giet ezebita vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern billi l-konnotati huma identici li ggib id-data tal-15 ta' Novembru 2007. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie kkundannat ghal sentejn prigunerija li gew sospizi ghal erba' snin. Ir-reati odjerni twettqu fit-28 ta' Lulju 2011 u ghalhekk waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Mill-fedina penali aggornata li giet ezebita jirrizulta li permezz ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2012 tali sentenza sospiza diga' giet estiza ghal perjodu ulterjuri ta' 4 snin.

**Recedivita'**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li huwa recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Illi l-uniku sentenza li giet ezebita kienet dik tal-imputazzjoni ossija dik tal-15 ta' Novembru 2007 li allura jfisser li s-sentenza kien ghadu ghaddej it-terminu operattiv taghha u kwindi ma kinitx ghadha giet skontata. Ghalhekk jista' jinstab hati biss recediv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi cioe' n-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz

[10] Dok TS 6 a fol 27 tal-process li giet ikkonfermata bil-gurament

li jemergu minn sitwazzjoni familjari li hija difficli. Mill-banda l-ohra minn harsa lejn il-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa rrikorra ghall-vjolenza fuq terzi persuni u li kkaguna griehi fuqhom. Madankollu jirrizulta li l-imputat f'dawn l-ahhar sentejn gie dijanjostikat b'marda tal-kancer u ghad ghandu problem ta' sahha. Thejja social inquiry report minn fejn jirrizulta li huwa ghandu problema tal-uzu tal-cannabis u jista' wkoll li jehtieg ghajnuna ghas-sahha mentali tieghu. Jehtieg ukoll li huwa jsegwi sessjonijiet psikologici sabiex jinghata ghajnuna dwar kif ghandu jikkontrolla r-raba u b'hekk ma jagixxix b'mod impulsiv. Jirrizulta wkoll li huwa ghandu relazzjoni stabbli u wild iehor u li ilu snin il boghod minn hajja kriminuza.

Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll il-Qorti mhux se titratta mal-imputat ghat-tielet imputazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti piena karcerarja mhix wahda idonea fic-cirkostanzi. L-imputat se jitpogga taht Ordni ta' Probation u taht Ordni ta' Trattament sabiex ikun segwit mill-professjonisti. Oltre' dan se jigi ordnat ihallas il-kumpens tal-hsara li wettaq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 28B(2)(a), 49, 214, 215, 216(2) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif fuq spjegat izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Il-Qorti mhiex se titratta mal-imputat ghat-tielet imputazzjoni.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien tlett snin bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga u jattendi sessjonijiet ghal ghajnuna psikologika u okkorrendo ghajnuna psikjatrika skont kif jiddeciedu l-professjonisti.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €2,000 fi zmien sit (6) xhur lil Brigida Abela.

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Brigida Abela u familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin millum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk huwa ma jobdix id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**